MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Numru. 572/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**vs**

**Aronne Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aronne Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 271668(M).

Akkuzat talli f'Marzu 2013, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. Approprija, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' aktar minn Euro 2329.37 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd, liema somma giet

fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanijia Gasco Energy Ltd;

2. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Euro 2329.27 ghad-dannu ta’ Gasco Energy Ltd;

3. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Ikkommetta serq ta’ cilindri ghad-dannu ta’ Gasco Energy Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi Euro 2390.24 u kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Finalment, talli huwa sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-verbal li l-parte civile hadet lura l-ammont kellu pretiz mill-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb hati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu; u

Rat illi l-imputat huwa recediv biss fil-konfront tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli293, 308, 309, 310, 298(1), 268 u 281(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda issib lill-imputat Aronne Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u stante l-akkuzi tnejn, tlieta u erbgha huma mezz ghall-fini tal-ewwel akkuza ssibu hati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah tlettax-il (13) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------